**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta’ nhar Il-Hamis 16 ta’ Marzu 2023**

**<u>Rikors nru : 223/2021 AGV fl-ismijiet;</u>**

**JMM**

**Vs**

**KM**

**IL-QORTI ;**

**RAT IR-RIKORS TA’ KM , DATAT 2 TA’ NOVEMBRU 2021;**

Jesponi bir-rispett:-

1. Illi dan hu rikors ai termini tal-aritkolu 55 tal- Kap 16 tal- Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ liema l-esponenti qed jitlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet.
2. Illi skont l-artikolu 55 (1) u (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta dina t-talba tista ssir minn kull parti f’ kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta’ firdsa u l-ordni relattiv ghandu jinghata b’ sentenza ta’ dil-Onorabbli Qorti.,
3. Illi l-assi principali tal-komunjoni ezistenti bejn il-partijiet, ossija d-dar matrimonjali tal-partijiet, hija propjeta’ li eventwalment ser tinbiegh u r-rikavat minnha ser jinqasam nofs bin- nofs bejn il-kontendenti.
4. Illi ghalkemm il-partijiet jinsabu ghaddejjin bi proceduri ta’ separazzjoni personali ma fadal xejn li ghandu jwaqqaf lil din Onorabbli Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet, f’ dal-istadju.
5. Illi ghal kellu buon fini jigi rilevat li l-partijiet ilhom de facto seperati u mifruda min xulxin ghal aktar minn sentejn u ghalhekk fl-umli opinjoni tal-esponenti, il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, huwa essenzjali anka sabex jigu evitati sitwazzjonijiet fejn isir dejn min- naha wahda li jkun impost fuq iz-zewg partijiet peress li ghandhom mizzewwgin.
6. Illi la darba il-kontendenti ghaddejjin minn kawza ta’ firda personali, l-iskop tal-komunjoni tal-akwiskti , spicca ghal kollox.
7. Illi hadd mil-partijiet mhu qed ibati ebda pregudizzju bil-waqfien tal-komunjoni tal- akkwisti bejniehom, kuntarjamen , dejjem jekk tintlaqa’ it-talba maghmula fir-rikors, il-partijiet mhux ser ikunu aktar esposti ghal xi djun li jista jinholoq mill-parti l-ohra.

Ghaldaqstant l-espontenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghbgobha ;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti , u dan permezz ta' sentenza ai temrini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Tordna n- notifika tal-eventawali sentenza taghha lid-Direttur Registru Pubbliku ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u li dil- ordni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sar b' att pubbliku ai termini tal-istess artikolu.

Salv dawk il-provvedimenti kollha li dil-Onorabbli Qorti, jidhirlha xierqa u opportuni.

**Il-Qorti, rat li l-intimata JMM, rat ir-rikors u t- talbiet maghmula minn Kevin Micallef,**

**1.** Ill hija bi zvista naqset li tintavola risposta fiz-zmien stipluati qed tintavola r-risposta bil-visto u minghajr oggezzjoni tal-kontro-parti.

2. Illi hija m ' ghandix oggezzjoni ghal talbiet maghmula fir-rikors, pero' ma thossx li ghandha tbati l-ispejjez.

Ghaldaqstant, gentilment titlob lil dina Onorabbli Qorti, tiddeciedi ir-rikors billi tilqa' it-talbiet kif dedotti bl-ispejjez ghar-rikorrenti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti;

1. Tilqa' it-talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza

L-ispejjez ghandhom jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**